**307. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi bis-saħħa tas-subartiklu (1) tal-artiklu 62 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-Kummissjoni Elettorali irrevediet il-konfini tad-distretti elettorali u għamlet it-tibdil li jinsab fir-Rapport datat 3 ta' Settembru, 1986, mibgħut lill-Prim Ministru u lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni u li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta tal-15 ta' Settembru, 1986; u

Billi skond l-artiklu 62 (3) tal-Kostituzzjoni, il-Kamra għandha l-jedd li jew tapprova dak it-tibdil jew tibgħat lura t-tibdil lill-Kummissjoni Elettorali biex tikkonsidrah mill-ġdid; u

Billi saret xi kritika għat-tibdil magħmul mill-Kummissjoni Elettorali; kritika li tista' tiġi ventilata wkoll f'din il-Kamra u huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni Elettorali tingħata l-opportunità li tikkonsidra bir-reqqa din il-kritika u tiddeċiedi jekk minħabba f'hekk jew għal kwalunkwe raġuni oħra għandhiex tagħmel tibdil ieħor jew le;

Għalhekk din il-Kamra tiddeċiedi għall-fini tas-subartiklu (3)(c) tal-artiklu 62 tal-Kostituzzjoni u għall-finijiet kollha tal-istess Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra, li l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali jintbagħat lura lill-istess Kummissjoni biex jiġi kkonsidrat mill-ġdid minnha.

**12.09.1986**

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Edward Fenech Adami, ressaq din l-Emenda "A":**

Ħassar it-tielet paragrafu tal-mozzjoni u daħħal floku dan li ġej:

"Billi l-Kummissjoni Elettorali ma kenitx unanimi dwar ir-rakkommandazzjonijiet tagħha u tliet membri tal-Kummissjoni Elettorali ssottomettew ukoll rapport tagħhom;

Billi r-rapport tat-tliet Kummissjonarji msemmija:

(a) iġib id-distretti ferm aktar viċin għall-kwota elettorali minn dak tal-kumplament tal-Kummissjoni Elettorali - u -

(b) japplika ferm aħjar il-prinċipji tal-viċinanza ġeografika, densità tal-popolazzjoni u fatturi relevanti oħra kif irid l-artikolu 62 (4) tal-Kostituzzjoni;

Din il-Kamra -

(a) ma tapprovax ir-rapport tal-maġġoranza tal-Kummissjoni Elettorali billi dan imur kontra l-kriterji mposti mill-imsemmi artikolu 62(4) tal-Kostituzzjoni;

(b) tiddikjara li r-rapport imsemmi tat-tliet Kummissjonarji Elettorali jissodisfa l-istess kriterji tal-Kostituzzjoni.

**Wara ruling mogħti minn Mr Speaker fis-Seduta 378 tat-23 ta' Settembru 1986, l-emenda "A" ma setgħetx tiġi aċċettata.**

**L-Onor Guido DeMarco ressaq din l-Emenda "B":**

Immedjatament wara t-tielet paragrafu tal-mozzjoni, introduċi s-segwenti paragrafi:

Billi f'kull tibdil tal-konfini ta' xi distretti elettorali għandu jsir b'dak il-mod li jassigura li fiż-żmien meta l-kummissjoni tagħmel ir-reviżjoni tagħha, in-numru miksub bid-diviżjoni tal-elettorat totali fid-distrett bin-numru ta' membri li għandhom jiġu eletti għall-Kamra tad-Deputati minn dak id-distrett, ikun hemm jista' jkun daqs il-kwota elettorali kemm ikun raġonevolment prattikabbli;

Billi t-tliet Kummissjonarji Elettorali ppreżentaw rapport li minnu jidher li dan jista' jsir b'mod li jersaq iżjed lejn dak li hemm maħsub fil-Kostituzzjoni.

Għalhekk din il-Kamra tiddeċiedi għall-fini tas-subartiklu (3)(c) tal-artiklu 62 tal-Kostituzzjoni u għall-finijiet kollha tal-istess Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra, li l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali jintbagħat lura lill-istess Kummissjoni biex jiġi kkonsidrat mill-ġdid minnha.

**L-emenda m'għaddietx fis-Seduta 381 tat-30 ta' Settembru 1986.**

**Il-mozzjoni dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni Elettorali biex ikun ikkonsidrat mill-ġdid kif imressqa mill-Prim Ministru fis-Seduta tat-23 ta' Settembru 1986, għaddiet fis-Seduta 381 tat-30 ta' Settembru 1986.**